**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 340/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Justin Degabriele**
**Lawrence Degabriele**

**Illum 10 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Justin Degabriele**, iben Lawrence u Doris neè Busuttil, imwieled il-Pietà fis-26 ta' Awwissu 1997 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 331197M, u ta' **Lawrence Degabriele**, iben Carmelo u Rita neè Mangion, imwieled Santa Luċija fid-29 ta' Ġunju 1970 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 430970M, **flimkien**, talli nhar it-22 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra (22:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta' filgħaxija ġewwa r-residenza Numru 5, Sqaq Baġġi, Żejtun, u f'inħawi oħra fiż-Żejtun:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara ta' natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Xylon Schembri u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data u ħin kisru l-bon ordni u paċi pubblika, b'għajjat u storbju u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Noella Zammit, liema ħsara tammonta għal inqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Justin Degabriele waħdu** talli:

4. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Xylon Schembri, liema ħsara tammonta għal inqas minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża lil Noella Zammit li se tintuża vjolenza kontrija jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), kien ħati b'reat jekk kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli daħal f'dar jew lok ieħor f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 264, 265, 266, li miċ-ċirkostanzi jidher li l-ħsieb tiegħu kien li jagħmel ħsara lill-proprjetà jew xi reat kontra l-persuna ta' Xylon Schembri u/jew persuna/i oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 330(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, cioè ta' Noella Zammit u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Justin Degabriele u Lawrence Degabriele a benefiċċju ta' Xylon Schembri u Noella Zammit u l-familja tagħhom u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Xylon Schembri u Noella Zammit u l-familja tagħhom sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, u flimkien mal-piena applikabbli għar-reat torbot lil Justin Degabriele u Lawrence Degabriele b'obbligazzjoni tagħhom infushom taħt piena ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għaż-żmien li tħoss xieraq; (3) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Justin Degabriele u lil Lawrence Degabriele jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 9 sa' 13 tal-proċess;

[1] Fol. 7 u 8 tal-proċess.

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġ fil-konfront ta' imputat Lawrence Degabriele għas-salvagwardja ta' Xylon Schembri u Noella Zammit b'Digriet datat 24 ta' Ġunju 2022[2] u l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġ fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele għas-salvagwardja ta' Xylon Schembri u Noella Zammit b'Digriet datat 24 ta' Ġunju 2022[3];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Doriette Cuschieri[4] u ta' Xylon Schembri[5] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Doriette Cuschieri markati Dok. "DC1" sa' Dok. "DC4" a fol. 33 sa' 42 tal-proċess u id-dokument esebit minn Xylon Schembri markat Dok. "XS" a fol. 49 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Noella Zammit mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Ġunju 2022[6] u tal-21 ta' Novembru 2024[7] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "NZ1" sa' Dok. "NZ3" a fol. 56 sa' 58 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jonathan Cassar[8] u ta' PC970 Ray Galea[9] mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2022 u rat id-dokument, ossia pendrive li fiha *CCTV footage*, esebit mill-Ispettur Jonathan Cassar markat Dok. "JC" a fol. 66 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1047 Daniel Zarb mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Awwissu 2022[10] u x-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[11], tat-Tabib Dr. Glen Micallef[12], ta' PC841 Raymond Mallia[13] u ta' PC1478 Melvin Cutajar[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 80 sa' 90 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS821 Matthew Abela Galea mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022[15] u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022[16] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 111 sa' 119 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku John Sacco mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023[17] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "JS" a fol. 121 sa' 178 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Lennox Vella mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2023[18] u rat it-traskrizzjonijiet ta' l-istqarrijiet ta' l-imputati mħejjija minnu u markati Dok. "LV" a fol. 183 sa' 210

---

[2] Fol. 15 tal-proċess.

[3] Fol. 20 tal-proċess.

[4] Fol. 30 sa' 32 tal-proċess.

[5] Fol. 43 sa' 48 tal-proċess.

[6] Fol. 50 sa' 55 tal-proċess.

[7] Fol. 285 sa' 288 tal-proċess.

[8] Fol. 62 sa' 65 tal-proċess.

[9] Fol. 67 sa' 70 tal-proċess.

[10] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

[11] Fol. 78 u 79 tal-proċess.

[12] Fol. 91 u 92 tal-proċess.

[13] Fol. 93 sa' 95 tal-proċess.

[14] Fol. 96 sa' 98 tal-proċess.

[15] Fol. 106 u 107 tal-proċess.

[16] Fol. 110A u 110B tal-proċess.

[17] Fol. 120A u 120B tal-proċess.

[18] Fol. 182 tal-proċess.

tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina[19] u ta' l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Ebejer[20] mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Lulju 2024 u rat is-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina fir-rigward ta' l-imputat Justin Degabriele esebit bħala Dok. "SB" a fol. 232 sa' 264 tal-proċess u s-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Ebejer fir-rigward ta' l-imputat Lawrence Degabriele markat Dok. "AB" a fol. 267 sa' 282 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 10 ta' Marzu 2023[21], permezz ta' liema bagħat lill-imputati flimkien sabiex jiġu ġġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(1)(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U bagħat lill-imputat Justin Degabriele waħdu sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 222(1) u 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 264, 265, 266 u 330 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[22], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputati entrambe ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li fis-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2023, id-Difiża talbet li jitħejja Social Inquiry Report fir-rigward ta' kull wieħed miż-żewġ imputati, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti dakinhar stess[23];

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[19] Fol. 230 u 231 tal-proċess.

[20] Fol. 265n u 266 tal-proċess.

[21] Fol. 213 u 214 tal-proċess.

[22] Fol. 215 tal-proċess.

[23] Fol. 221 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputati <u>flimkien</u> qed jiġu mixlija talli nhar it-22 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra (22:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta' filgħaxija ġewwa r-residenza Numru 5, Sqaq Baġġi, Żejtun, u f'inħawi oħra fiż-Żejtun: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara ta' natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Xylon Schembri u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) U aktar talli fl-istess lok, data u ħin kisru l-bon ordni u paċi pubblika, b'għajjat u storbju u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Noella Zammit, liema ħsara tammonta għal inqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat Justin Degabriele <u>waħdu</u> qed jiġi mixli talli: (4) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Xylon Schembri, liema ħsara tammonta għal inqas minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) U aktar talli bl-imġieba tiegħu ikkaġuna biża lil Noella Zammit li se tintuża vjolenza kontrija jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), kien ħati b'reat jekk kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) U aktar talli daħal f'dar jew lok ieħor f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 264, 265, 266, li miċ-ċirkostanzi jidher li l-ħsieb tiegħu kien li jagħmel ħsara lill-proprjetà jew xi reat kontra l-persuna ta' Xylon Schembri u/jew persuna/i oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 330(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (7) Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, cioè ta' Noella Zammit u/ jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (8) Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 10 ta' Marzu 2023[24], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati <u>flimkien</u> sabiex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A, 532B, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(1)(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[24] Fol. 213 u 214 tal-proċess.

- Fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U bagħat lill-imputat Justin Degabriele <u>waħdu</u> sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 222(1) u 251B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 264, 265, 266 u 330 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

L-**Ispettur Doriette Cuschieri**[25] xehdet illi *fit-22 ta' Ġunju ta' din is-sena* (2022) *għall-ħabta ta' l-għaxra u nofs ta' filgħaxija, ġewwa l-Għassa taż-Żejtun irċevejna telefonata mill-Kamra tal-Kontroll tal-Pulizija, li kien seħħ argument fi Sqaq Baġġi fiż-Żejtun stess. Dan ir-rapport kien daħal ġewwa d-Depot tal-Pulizija mill-mobile number 79029594 li minn tfittxija li għamilna mill-MPS* [recte: NPS], *is-sistema tal-Pulizija, irriżulta li kien ta' ċertu Noella Zammit. Fil-fatt il-Pulizija kienu rrappurtaw mill-ewwel fuq il-post fejn hemmhekk kienu tkellmu ma' Xylon Schembri li kien kellem ukoll lill-Pulizija meta kienu għamlu kuntatt fuq dak in-numru partikolari, u kienu qalulhom li ġewwa r-residenza numru 5, Sqaq Baġġi, iż-Żejtun, hu, Xylon Schembri, kif ukoll Noella Zammit kienu hemmhekk ġewwa dik ir-residenza, u xi ftit tal-ħin qabel kien inqala' argument bejn l-ex-partner ta' Noella Zammit, Justin Degabriele, il-familjari tiegħu u Xylon Schembri flimkien ma' Noella. Ir-rapport kien li Xylon Schembri u Noella Zammit kienu fir-residenza li tirrisjedi fiha Noella, għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħaxija semgħu tisbit fuq il-bieb ta' barra u Justin Degabriele irnexxielu jidħol f'din ir-residenza u hemmhekk inqala' l-argument. Mitkellma mill-Pulizija, Noella qalet li kienet f'relazzjoni ma' Justin Degabriele għal dawn l-aħħar erba' snin u fil-fatt minn din ir-relazzjoni għandhom tifla ta' sentejn, temmew ir-relazzjoni xi ftit tal-ġranet qabel, u Justim Degabriele daħal fil-post fejn tirrisjedi hi u wara li beda jgħajjarha u jgħidilha diskors bħal "ma' dan qlibthieli u għalfejn għamiltli hekk", spiċċa f'argument ma' Xlyon li huwa ħabib ta' Noella, u spiċċaw anki bi ġrieħi minħabba li anki spiċċaw jagħtu bl-idejn. Il-Pulizija tkellmet ukoll ma' Xylon Schembri fejn dan minn naħa tiegħu qal li kien għall-kwiet ġewwa r-residenza ta' Noella, fil-pront sema' tisbit kbir mal-bieb ta' barra u fil-pront ra lil Justin Degabriele ġewwa l-post fejn dan beda jgħajjar u jgħid diskors lil Noella u imbagħad ħebb għalih. Xylon Schembri kien qal li waqt li Justin Degabriele kien qiegħed isawtu, missier Justin, is-Sur Lawrence Degabriele, beda jżommu biex Justin ikun jista' jsawtu. Fid-dikjarazzjonijiet tagħhom ukoll, kemm Xylon u kemm Noella, qalu li waqt l-argumenti, Xylon kien inkisirlu l-mobile tad-ditta Nokia li jammonta għal madwar erbgħin Ewro u Noella kien inkisrilha n-nuċċali li l-ammont tiegħu huwa ta' tliet mija u ħamsin Ewro.*

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022, fol. 30 sa' 31 tal-proċess.

L-Ispettur Cuschieri stqarret ulterjorment illi *l-Pulizija mbagħad għamlet kuntratt ma' Justin Degabriele fejn ġie mitlub jirrikorri ġewwa l-Għassa taż-Żejtun, huwa ingħata l-informazzjoni fuq liema rapport kien ser jiġi mitkellem, ingħatawlu d-drittijiet kollha fejn huwa kien għażel li dak il-ħin stess għall-ħabta tas-siegħa u għoxrin ta' filgħodu, kien għamel kuntatt ma' l-Avukat tiegħu, Dr. Francesca Zarb. Kien ta dikjarazzjoni lill-Pulizija fejn kien qalilhom li kien ilu erba' snin f'relazzjoni ma' Noella, u li l-ġimgħa ta' qabel kien hemm rapport anke min-naħa tad-Domestic Violence Unit għax kien hemm xi argument bejnu u bejn Noella. Fil-fatt ir-rapport kien sar ma' l-Ispettur Eman Hayman. Kien qal li dakinhar tat-22 ta' Ġunju kien mar biex jiċċekkja jekk Noella hijiex qiegħda d-dar ġewwa ż-Żejtun u x'ħin mar fir-residenza numru 5, Sqaq Baġġi, iż-Żejtun, u ttawwal mit-tieqa ra raġel ieħor fil-kumpanija ta' Noella. Kien qal lill-Pulizija li kien sgassa l-bieb u minn hemmhekk inqala' l-argument. Fil-fatt waqt dan l-argument, Justin kien sofra xi ġrieħi wkoll però kienu ta' natura ħafifa, filwaqt li fl-argument Xylon Schembri kien sofra ġrieħi li skond kif iċ-ċertfikat minn Dr. Glenn Micallef taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid, kienu ta' natura gravi. … Justin kien infurmat li ser jibqa' arrestat u fil-fatt kien ittieħed ġewwa l-lock up tal-Pulizija u fit-23 ta' Ġunju għall-ħabta ta' xi l-għaxra u nofs il-Pulizija taż-Żejtun bagħtet ukoll għal missieru Lawrence peress li kien imsemmi minn Xylon li dan kien qiegħed iżommu meta Justin kien qed isawtu. Kien intalab imbagħad jiġi ġewwa l-Għassa, kien infurmat li ser jiġi arrestat, kienet infurmata wkoll dakinhar il-Maġistrat ta' l-Għassa, il-Maġistrat Dr. Doreen Clarke, li kien mibgħut bil-voluntary attendance u kien ser jinżamm arrestat u dakinhar stess fit-23 ta' Ġunju ta' din is-sena* (2022) *kien ittieħed stqarrija kemm lil Justin Degabriele kif ukoll lil Lawrence Degabriele minni u mill-Ispettur Jonathan Cassar ġewwa d-Depot tal-Pulizija fejn dawn it-tnejn li huma kienu assistiti minn Dr. Francesca Zarb.*

L-Ispettur Cuschieri ppreżentat iċ-ċertifikat mediku relattiv għal Xylon Schembri markat Dok. "DC1" a fol. 33 tal-proċess, kif ukoll l-istqarrijiet awdjo-viżwali taż-żewġ imputati markati Dok. "DC2" u Dok. "DC3" u r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ markat Dok. "DC4" a fol. 36 sa' 42 tal-proċess.

Dak affermat mill-Ispettur Doriette Cuschieri ġie kkonfermat mill-**Ispettur Jonathan Cassar**[26] illi però żied jgħid illi waqt l-istqarrija rilaxxata mill-imputat Lawrence Degabriele dan stqarr li *hu ma kienx involut fil-ġrieħi gravi li ġarrab Xylon Schembri imma kull ma għamel beda jferraq u ħin minnhom huwa aċċenna li ħareġ lil Xylon Schembri minn ġor-residenza. Jiena kont staqsejtu kif qed jgħid li qabdu u ħarġu u bażikament mill-istqarrija ħareġ li ibnu kien qiegħed ġewwa mid-dar minn Xylon Schembri. Jiena stqasejtu "għala inti ħriġt lil Xylon Schembri u ma ħriġtx lil ibnek?" U huwa qalli "għax huwa kien l-aktar viċin tal-bieb". … Schembri kien l-aktar viċin tal-bieb għax jiena l-mistoqsija tiegħi kienet, jekk l-iskop kien li tferraq, għala ddeċidejt li żżomm barrani u ma żammejtx lil ibnek u huwa t-tweġiba tiegħu kienet li Xylon Schembri kien aktar viċin tal-bieb ta' barra milli kien Justin Degabriele, jiġifieri ndika li Justin Degabriele kien iktar 'l ġewwa fir-residenza.* Żied jgħid ukoll li *in the process sal-lum irriżulta li hemm camera li tagħti għal fuq ir-residenza, il-Pulizija ġabet din il-camera u f'din il-camera jidher*

[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2022, fol. 62 sa' 65 tal-proċess.

*biċ-ċar f'mument minnhom, jidher Justin Degabriele jmur fejn din ir-residenza u jittawwal u f'ħin minnhom jerġa' jiġi bil-ġirja u jitfa' l-bieb jiġifieri l-ewwel verżjoni li ta lill-Pulizija hija korroborata minn dan il-filmat. Eventwalment imbagħad jidher l-imputat l-ieħor li jidħol u jidhru l-familjari u jidher l-akkadut.* Il-filmat relattiv ġie esebit mill-Ispettur Cassar bħala Dok. "JC".

In kontro-eżami l-Ispettur Jonathan Cassar stqarr illi l-Pulizija saret taf b'dan il-filmat wara li l-imputati tressqu l-Qorti mixlija bl-imputazzjonijiet odjerni u dana billi meta Xylon Schembri ġie mħarrek biex jixhed f'dawn il-proċeduri, huwa informa lill-Pulizija li fl-akkwati kien hemm CCTV cameras li setgħu qabdu l-akkadut.

**PC970 Ray Galea**[27], **PC1047 Daniel Zarb**[28], **PC841 Raymond Mallia**[29], **PC1478 Melvin Cutajar**[30] u **PS821 Matthew Abela Galea**[31], ilkoll essenzjalment ikkonfermaw, sa' fejn kienu involuti huma, dak affermat mill-Ispettur Doriette Cuschieri dwar dak li nqala' dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2022 f'Nru.5, Sqaq Baġġi, Żejtun.

**Xylon Schembri**[32] xehed illi ġimgħa qabel ma ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri hu u Noella Zammit kienu fil-fond 5, Sqaq Baġġi, iż-Żejtun, u f'daqqa waħda semgħu ħoss qawwi mal-bieb, il-bieb ġie mifqugħ u daħal l-imputat Justin Degabriele li mar għal fuq Noella Zammit. Huwa qal lil Degabriele biex lil Noella ma jmisshiex u dan Degabriele qabad jagħtih. Dak il-ħin daħal missier Justin Degabriele li beda jżommu minn idu u spiċċaw barra. Kif ħarġu barra l-ġlieda waqfet iżda dak il-ħin daħlu n-nisa, min-naħa ta' Degabriele, u bdew jagħtu fuq Noella. Xylon Schembri reġa' daħal ġewwa jgħidilhom biex ma jiġġidlux u dak il-ħin Justin Degabriele reġa' beda jagħtih.

Huwa spjega li Justin Degabriele, li huwa għarfu bħala wieħed mill-imputati f'dawn il-proċeduri, faqa' l-bieb ta' barra b'saqajh u *daħal jiġri fuq Noella u qalilha "ma' dan qed taqlibhieli" u għedtlu, "Justin, tmisshiex" u qabad jagħti lili.* Fir-rigward ta' l-imputat l-ieħor Lawrence Degabriele, illi għarfu wkoll bħala l-imputat l-ieħor f'dawn il-proċeduri, Schembri ddikjara li dan ma sawtux iżda biss żammlu idu l-isfel. B'konsegwenza ta' din il-ġlieda Xylon Schembri spiċċa b'żewġ punti fuq l-*eyebrows* u *black eye* f'għajnu tax-xellug. Apparte minhekk inkisirlu wkoll il-mobile li jiswa madwar €40.

Mistoqsi jispjega kif, kemm u fejn qala' d-daqqiet, Xylon Schembri wieġeb *bil-ponn, … ma nafx bl-eżatt* (kemm) *iktar minn tnejn jew tlieta żgur, imma ma nafx bl-eżatt dak il-ħin. … Fuq rasi u wara ta' rasi* u wkoll fuq wiċċu fejn għandu d-daqqiet u l-punti. Fir-rigward ta' Lawrence Degabriele, Schembri tenna li dan ma sawtux

---

27 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju 2022, fol. 67 sa' 70 tal-proċess.

28 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Awwissu 2022, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

29 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 93 sa' 95 tal-proċess.

30 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 96 sa' 98 tal-proċess.

31 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2022, fol. 106 u 107 tal-proċess.

32 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022, fol. 43 sa' 48 tal-proċess.

imma żammu biss u mistoqsi b'mod piuttost dirett *għedtilna li missieru, Lawrence Degabriele, li qed tagħrfu fl-Awla, beda jżommlok idejk, f'liema stadju beda jżommlok idejk? Beda jżommlok idejk biex jolqtok it-tifel?* Huwa wieġeb *ma nafx.* Spiega li l-ġlieda ġewwa damet madwar minuta u nofs u mbagħad ġie mbuttat 'l barra mid-dar fejn kien hemm omm u oħt Justin u ċerta Vicky illi skontu daħlu ġewwa u bdew jagħtu fuq Noella Zammit. Stqarr illi f'dak il-ħin *jiena mbagħad erġajt dħalt niġri biex ma jmissuhiex, għedtilhom biex ma jmissuhiex, imbagħad daħal Justin fuqi u reġa' qabad jagħtini. … It-tieni darba dik, imbagħad qbadt il-mobile u ħrabt 'l hemm.* Huwa baqa' fuq il-post iktar 'l hemm mid-dar jistenna lill-Pulizija u kif ra li waslu l-Pulizija reġa' mar lejn id-dar ta' Noella. Schembri ippreżenta ritratt li juri l-punti fuq l-*eyebrow* tan-naħa tax-xellug - Dok. "XS" a fol. 49 tal-proċess.

**Noella Zammit**[33] xehdet illi hija kellha relazzjoni ma' l-imputat Justin Degabriele u minn din ir-relazzjoni għandhom tifla li fiż-żmien ta' l-akkadut kellha sentejn. Dwar l-inċident in kwistjoni stqarret li hija rat lill-imputat Justin Degabriele jagħti lil Xylon Schembri u l-imputat l-ieħor Lawrence Degabriele kien qed iżommu. Stqarret illi *mbagħad Xylon daħal għalija biex jipprova jgħini għax daruni kollha, sa' Justin kien hemm ġewwa u bdejt inħoss il-ġbid minn xagħri u bdew jagħtuni d-daqqiet u mbagħad daħal Xylon u reġgħu kienu qed jagħtu, rajt lil Wenzu jżommu u Justin jagħtih.*

Noella Zammit stqarret li fil-ħin ta' l-akkadut hija ħasset biża' kbira, u dana fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele. Stqarret illi *ilni nibża' ftit mir-relazzjoni tagħna u dak il-ħin bżajt minn Justin jiena. … Bżajt minnu kif faqa' l-bieb ġewwa.* Mistoqsija lilha dakinhar min sawwatha, Noella Zammit wieġbet li kienu sawtuha Doris Degabriele u Miriane Degabriele, omm u oħt l-imputat Justin Degabriele, u Victoria Baldacchino, iżda stqarret ukoll li *mingħand Justin ħassejt ukoll, beda jiġbidli xagħri għax x'ħin bdew jagħtuni kien magħhom ukoll u ma ppruvax iferred jew hekk.* Apparte ġrieħi, Noella Zammit spiċċat bin-nuċċali, li jiswa €350, imkisser u mistoqsija minn kissrilha n-nuċċali hija wieġbet li kienet Victoria Baldacchino li kissritulha. Fir-rigward tal-bieb wieġbet li l-bieb xorta għadu jingħalaq iżda fejn is-serratura hemm qisu xaqq li jidher li qisu l-bieb ġie sgassat. Stqarret li l-bieb għadu jingħalaq iżda mhux sod u mistoqsija jekk ġiex imsewwi wieġbet li le. Zammit esebiet ritratti tal-bieb, tan-nuċċali, tal-ħwejjeġ u tagħha stess li juru l-istat tagħhom wara dan l-inċident - Dok. "NZ1" sa' Dok. "NZ3" a fol. 56 sa' 58 tal-proċess.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024[34], Noella Zammit iddikjarat li wara l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hija reġgħet qabdet ir-relazzjoni tagħha ma' l-imputat Justin Degabriele u ddikjarat *r-relazzjoni tiegħi ma' Justin tinsab tajba ħafna. … Inbidel ħafna Justin, m'għadux il-persuna li kien qabel. … Ilna sentejn, naħseb sa nagħlqu tlieta erġajna minn dakinhar li seħħ. Ilna ħafna, imnalla kienu huma li sibt lilhom fil-verità. Sibthom ta' għajnuna kbira wkoll.* Fir-rigward ta' l-imputat Justin Degabriele ddikjarat li trid taħfirlu kollox u li trid li l-proċeduri fil-

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ġunju 2022, fol. 50 sa' 55 tal-proċess.

[34] Fol. 285 sa' 288 tal-proċess.

konfront tiegħu jitwaqqfu wkoll. Tenniet li fiż-żmien qabel ma nqala l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri hi u l-imputat kienu f'relazzjoni, kienu jgħixu flimkien u għandhom tifla wkoll. Fiż-żmien meta seħħ l-inċident, ossia fit-22 ta' Ġunju 2022, ma kienux għadhom f'relazzjoni iżda ma kienux ilhom ħafna li temmew din ir-relazzjoni ta' bejniethom.

In kwantu rigwarda l-imputat l-ieħor Lawrence Degabriele, Noella Zammit iddikjarat li trid taħfirlu kollox ukoll għaliex *l-istess sibt ħafna għajnuna minnhom. Naħseb sibt għajnuna aktar minn ommi fihom, għenuni ħafna.*

L-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri**[35] ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu fl-14 ta' Settembru 2022 u wara li eżamina lil Xylon Schembri nhar it-23 ta' Awwissu 2022, huwa kkonstata u kkonkluda li *1. Xylon Schembri allegatament kien fid-dar ta' l-ex-partner tiegħu fi Sqaq Baġġi ż-Żejtun madwar xahrejn ilu* (qabel id-data ta' l-eżami mediko-legali) *għall-ħabta tal-10:15p.m. fejn dan allegatament safa aggredit mill-imputat Justin Degabriele. 2. Illi riżultat ta' dan Schembri spiċċa l-poliklinika tar-Raħal Ġdid fejn ġew inseriti xi suturi fuq leżjoni li ġarrab fuq is-supraorbital ridge tax-xellug. 3. Illi Xylon Schembri wera lill-esponent leżjoni fuq is-supraorbital ridge tax-xellug li allegata li ġiet magħmula waqt l-allegat inċident in kwistjoni. 4. Illi din il-leżjoni kienet tikkonsisti f'ċikkatriċi riżultat ta' laċerazzjoni riżultat ta' blunt trauma. 5, Illi din iċ-ċikkatriċi tidher from within talking distance iżda m'hiex daqshekk konspikwa*[36].

**Dr. Glen Micallef**[37], ikkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit a fol. 33 tal-proċess kien ħarġu hu wara li kien invista lil Xylon Schembri nhar it-22 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta tal-11:05p.m. Dwar ġrieħi riskontrati minnu, Dr. Micallef xehed illi *kellu brix fuq idu x-xellugija, kellu dbenġila fuq ic-cheek fuq in-naħa tax-xellug. … L-għadma tal-warda ta' wiċċu proprjament u kien hemm ukoll ferita miftuħa fuq l-eyebrow tax-xellug.* Dawn il-ġrieħi ġew klassifikati minnu bħala *gravi minħabba li hemm potenzjal li jħallu marka permanenti fuq il-wiċċ.*

L-**Espert Tekniku John Sacco**[38] ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu minn liema jirriżulta li wara li eżamina l-filmat Dok. "JC" esebit mill-Ispettur Jonathan Cassar, huwa ħareġ erbgħa u tmenin still pertinenti għall-każ in eżami. Din ir-Relazzjoni ġiet ikkonfermata mill-imsemmi Espert Tekniku waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2023[39].

**Dr. Lennox Vella** ppreżenta u kkonferma bil-ġurament it-traskrizzjoni ta' l-istqarrijiet awdjo-viżwali rilaxxati mill-imputati lill-Pulizija. Dawn it-traskrizzjonijiet ġew esebiti bħala Dok. "LV" a fol. 183 sa' 210 tal-proċess.

---

35 Nominat b'Digriet datat 12 ta' Lulju 2022, fol. 60 tal-proċess.

36 Dok. "MS" a fol. 80 sa' 90 tal-proċess. Ikkonfermat bil-ġurament mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 78 u 79 tal-proċess.

37 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022, fol. 91 u 92 tal-proċess.

38 Nominat b'Digriet 8 ta' Novembru 2022, fol. 105 tal-proċess.

39 Fol. 120A u 120B tal-proċess.

**Stephania Calafato Testa**[40], Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, ippreżentat tlett deċiżjonijiet: "Il-Pulizija v. Justin Degabriele et", pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Ottubru 2020 - Dok. "A" a fol. 111 sa' 113 tal-proċess, "Il-Pulizija v. Simone Festari et", pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Jannar 2018, fol. 114 sa' 116 tal-proċess, u "Il-Pulizija v. Omar Djelassi et", pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-14 ta' Jannar 2020, fol. 117 sa' 119 tal-proċess.

L-**Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina**[41] ppreżentat u kkonfermat bil-ġurament is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat Justin Degabriele - Dok. "SB" a fol. 232 sa' 264 tal-proċess - u minnu jirriżultaw is-segwenti konklużjonijiet u pjan ta' kura: *Fatturi identifikati - Justin Degabriele qed jiġi akkużat illi fit-22 ta' Ġunju 2022 ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Xylon Schembri, kif ukoll fl-istess ħin kiser il-paċi pubblika. Qed ikun akkużat ukoll li għamel ħsara volontarja fuq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Noella Zammit u li kkaġunalha biża' bl-aġir tiegħu. Fl-aħħarnett l-imputat qed ikun akkużat ukoll li rrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tal-Maġistrati. Minn korrispondenza ma' l-Ispettur Doriette Cuschieri rriżulta illi ma kienitx hi li investigat lill-imputat biss minkejja li hi l-Prosekutur ta' dan il-każ hija saħqet li ma għandhiex problemi bl-imputat. Il-Fedina Penali ta' Justin Degabriele tindika li bejn 2018 u 2020 huwa kien involut fi 3 każijiet kollha relatati ma' ġlied u vjolenza. L-ikkonċernat qatt ma kien miżmum ġewwa l-Aġenzja Servizzi Korrettivi madanakollu huwa kien inżamm ġewwa l-lock up tal-Pulizija b'relazzjoni mal-każ odjern. Sar kuntatt permezz tat-telefon ma' Noella Zammit it-tfajla ta' l-imputat fejn qed tidher ukoll bħala waħda mill-vittmi tal-każ odjern fejn ma xtaqitx titkellem fuq it-telefon għaldaqstant ingħatat appuntament ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole biss din ma attendietx għal dan l-appuntamet, għaldaqstant hi ma provdietx il-versjoni tagħha. Sar ukoll kuntatt ma' Xylon Schembri l-vittma l-ieħor ta' dan il-każ fejn hu sostna li ma għandux interess f'sentenza li għandu jingħata l-imputat, biss hu jixtieq li jkun rimbursat l-ispejjeż li tal-avukat tal-każ odjern. Justin Degabriele jgawdi minn sapport mill-familja ta' l-oriġini kif ukoll mis-sieħba tiegħu Noella Zammit li minkejja dan il-każ fil-preżent reġgħu jinsabu f'relazzjoni minn din ir-relazzjoni bejniethom għandhom tifla ta' 4 snin. L-imputat jagħmel użu mis-sustanza tal-kannabis u għal dan il-għan ma jieħux kura u saħaq ukoll li ma jħossx li għandu problema. Huwa stqarr li ilu juża l-kannabis għal madwar 7 snin. Justin saħaq li huwa kien twaqqaf mill-iskola minħabba mġieba ħażina meta kien għadu t-tieni sena tas-sekondarja. Biss minkejja dan huwa xorta għandu 3 O levels. L-imputat tenna li qed jaħdem mal-Water Services Corporation biss skond rekords tal-Jobsplus datati 22 ta' Lulju 2022, huwa għadu qed jidher impjegat ma' Polidano Brothers Ltd. Fl-aħħarnett Justin Degabriele dejjem tkellem waqt l-intervisti ma' l-Uffiċjal tal-Probation u qatt ma kien żamm lura milli jelabora rigward il-mistoqsijiet li sarulu. Pjan ta' Kura - Mill-informazzjoni miġbura għal dan ir-rapport jirriżulta li Justin Degabriele jgawdi minn sapport kbir minn dawk ta' madwaru speċjalment*

---

[40] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022, fol. 110A u 110B tal-proċess.

[41] Seduta tat-23 ta' Lulju 2024, fol. 230 u 231 tal-proċess.

*mill-ġenituri tiegħu, kif ukoll qiegħed jgħix ħajja ta' bżulija. Madanakollu jkun ta' benefiċċju li l-imputat jingħata għajnuna sabiex jikkontrolla r-rabja sabiex jkun evitati episodji oħra bħal każ odjern.*

L-**Uffiċjal tal-Probation Anabel Ebejer**[42], ippreżentat u kkonfermat bil-ġurament is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imputat Lawrence Degabriele esebit bħala Dok. "AE" a fol. 267 sa' 282 tal-proċess. Minn dan ir-rapport jirriżultaw is-segwenti konkluzjonijiet u pjan ta' kura: *Fatturi identifikati - L-imputat jinsab akkużat flimkien ma' Justin Degabriele li fit-22 ta' Ġunju 2022 ikkaġuna ferita ta' natura gravi lil Xylon Schembri, kiser il-bon ordni kif ukoll għamel ħsara fil-ħwejjeġ ta' Noella Zammit. Ħarsa lejn il-Fedina Penali ta' l-imputat datata 4 ta' Lulju 2024 jirriżulta li l-imputat kellu każ relatat ma' sewqan fis-sena 1996 fejn ingħata ammenda u każ ieħor ukoll rigward sewqan fis-sena 2021. Fir-rigward każijiet pendenti jidher li l-imputat m'għandu l-ebda każ pendenti minbarra dan odjern. Rekords maħruġa mid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole (DPP) juru wkoll li l-imsemmi qatt ma kellu kuntatt ma' l-imsemmi dipartiment għajr għall-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport. Minn kuntatt li sar permezz ta' e-mail ma' l-Ispettur Doriette Cuschieri jidher li skond ir-rapport, l-imputat żamm lill-vittma sakemm isawtu ibnu Justin. L-Ispettur ma ndikat l-ebda problema ta' vizzju u rrimarkat ukoll li mhux ta' riskju għoli hekk kif l-attitudini tiegħu mhux waħda negattiva. Fir-rigward sentenza, l-Ispettur spjegat li titlob biss li ssir ġustizzja mal-vittma. Il-vittma Noella Zammit m'attendietx għall-appuntament mogħti sabiex tagħti l-verżjoni tagħha. Dan wara li kienet hi stess li talbet li tattendi għal dan il-għan. Fir-rigward il-vittma Xylon Schembri, dan sostna li kien l-imputat Justin Degabriele li ħebb għalih wara li sabu fil-kumpanija ta' l-eks sieħba tiegħu. Saħaq li l-imputat Lawrence Degabriele ferraq lilhom sabiex ma jkomplux jiġġieldu. Is-Sur Schembri mhux interessat f'sentenza u xtaq biss li jingħata kumpens għall-ispejjeż ta' l-avukat difensur. Jidher li l-imsemmi kellu trobbija tajba. Minkejja li l-familja Degabriele kienet waħda numeruża, l-imputat spjega li l-ġenituri tiegħu taw l-attenzjoni u l-imħabba meħtieġa lil uliedhom inkluż lilu. Għaldaqstant jidher li trabba b'valuri sodi fejn tidħol il-familja u li dawn l-istess valuri qed jadottahom illum il-ġurnata li għandu il-familja tiegħu. L-imsemmi huwa missier ta' żewġ ulied, wieħed minnhom il-koakkużat, u l-prijorità tiegħu kienet u tibqa' li jkun ta' sapport għalihom u għal martu. Dan ġie kkonfermat minn intervista li saret ma' martu stess, is-Sa Doris Degabriele. Fir-rigward ta' vizzji, jidher li dan qatt ma kien ta' problema għall-imputat. Test ta' l-urina li ttieħed fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation u l-Parole fid-9 ta' Lulju 2024 irriżulta fin-negattiv għall-kokaina, eroina u kannabis. Jirriżulta wkoll li l-imsemmi qatt ma kellu kuntatt ma' aġenziji li jindirizzaw l-abbuż tad-droga. Rekords maħruġa mill-Jobsplus jindikaw li l-imsemmi kien impjegat b'mod regolarizzat u kontinwu bejn is-sena 1988 sal-preżent. Pjan ta' Kura - Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ġie nnutat li Lawrence Degabriele jgħix ħajja stabbli fejn l-għan prinċipali tiegħu huwa li jaqdi r-responsabiltajiet tiegħu fir-rwol ta' missier u konjugu. Dan jindika li fil-preżent il-prijorità ta' l-imputat hi li jgħix stil ta' ħajja bieżla sabiex ikun ta' sapport għall-*

[42] Seduta tat-23 ta' Lujlu 2024, fol. 265 u 266 tal-proċess.

*familja tiegħu. Għaldaqstant ikun għaqli li Lawrence Degabriele jkompli jadotta l-istil ta' ħajja kawt li għandu fil-preżent barra fis-soċjetà.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputati <u>flimkien</u>:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom <u>flimkien</u>, l-imputati qed jiġu mixlija talli nhar it-22 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' bejn l-għaxra (22:00hrs) u l-ħdax (23:00hrs) ta' filgħaxija ġewwa r-residenza Numru 5, Sqaq Baġġi, Żejtun, u f'inħawi oħra fiż-Żejtun: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara ta' natura gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Xylon Schembri u dan bi ksur ta' l-Artikolu 216 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti u senjatament mix-xhieda ta' Noella Zammit u ta' Xylon Schembri kif ukoll mill-filmati fuq il-pendrive esebita bħala Dok. "JC", liema filmati ġew viżjonati mill-Qorti, jirriżulta b'mod ċar li dakinhar tat-22 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta ta' l-10:18p.m., inqala' argument bejn Zammit, Schembri u l-imputat Justin Degabriele kemm ġewwa kif ukoll barra l-fond Nru.5, Sqaq Baġġi, Żejtun.

Mill-filmati l-imputat Justin Degabriele jidher fuq barra tal-fond imsemmi jħares 'l ġewwa mit-tieqa tal-fond li tagħti għal fuq it-triq. F'ħin minnhom jitlaq iżda wara ftit jerġa' jiġi bil-ġirja, jifqa l-bieb ta' barra tal-fond u jidħol ġewwa, hekk kif del resto qalu li ġara kemm Noella Zammit kif ukoll Xylon Schembri. Ġewwa l-fond inqala' argument bejn l-imputat Justin Degabriele, Zammit u Schembri, liema argument kompla fit-triq u l-imsemmi imputat beda u kompla jagħti fuq Schembri, u dana anke meta ħarġu 'l barra mill-fond.

Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma għandha assolutament l-ebda dubju li l-argument seħħ eżatt kif stqarru kemm Xylon Schembri kif ukoll Noella Zammit, ossia li meta huma kienu jinsabu għall-affari tagħhom ġewwa l-fond Nru.5, Sqaq Baġġi, Żejtun, l-imputat Justin Degabriele daħal fuqhom f'salt u bil-forza u aggredixxa lil Xylon Schembri meta dan wissa' lil Degabriele biex ma jmissx lil Noella Zammit. B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni Schembri sofra brix fuq idu x-xellugija u kellu ukoll ġrieħi f'wiċċu fuq in-naħa tax-xellug, hekk kif iċċertifikat mit-Tabib Dr. Glen Micallef, illi kif xehed kien irriskontra li Schembri kellu *brix fuq idu x-xellugija, kellu dbenġila fuq ic-cheek fuq in-naħa tax-xellug. ... L-għadma tal-warda ta' wiċċu proprjament u kien hemm ukoll ferita miftuħa fuq l-eyebrow tax-xellug.*

L-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, illi eżamina lil Xylon Schembri fit-23 ta' Awwissu 2022, ossia pratikament xahrejn wara dan l-inċident, ikkonstata u ikkonkluda li l-laċerazzjoni li kkawżat il-leżjoni fuq is-*supraorbital ridge* tax-xellug f'wiċċ Xylon Schembri kienet riżultat ta' *blunt trauma*. Din il-konklużjoni dwar il-ġrieħi sofferti minn Schembri tkompli ssaħħaħ l-opinjoni tal-Qorti li dakinhar ta' l-inċident l-imputat Justin Degabriele aggredixxa lil u beda jagħti fuq l-imsemmi Schembri u kkawżalu feriti.

Il-posizzjoni fir-rigward ta' l-imputat Lawrence Degabriele però hija kompletament differenti. Mill-provi prodotti mhux talli ma tirriżulta l-ebda ħtija ta' Lawrence Degabriele għal dak li ġara nhar it-22 ta' Ġunju 2022 ġewwa l-fond Nru.5, Sqaq Baġġi, Żejtun, kif ukoll barra l-imsemmi fond, talli jidher b'mod ċar li l-imsemmi imputat kien qed jipprova jifred lil Xylon Schembri u lill-imputat l-ieħor Justin Degabriele sabiex iwaqqaf il-ġlieda ta' bejniethom.

Mill-filmati viżjonati mill-Qorti jidher b'mod ċar li wara li l-imputat Justin Degabriele faqa' l-bieb tal-fond imsemmi u daħal ġewwa, ftit warajh daħal l-imputat Lawrence Degabriele. L-imsemmi Lawrence Degabriele jidher iżomm lil Xylon Schembri iżda, kuntrarjament għal dak allegat mill-Prosekuzzjoni, huwa ma kienx qed iżommu sabiex jgħin lill-imputat Justin Degabriele jkompli jagħtih, iżda kien qed iżomm lil Schembri biex joħorġu barra mill-fond, il-bogħod minn Justin Degabriele, sabiex il-ġlieda tieqaf. L-istess Xylon Schembri bla tlaqliq ta' xejn iddikjara li l-imputat Lawrence Degabriele ma sawtux u għalkemm ikkonferma li verament kien qed iżommlu idu 'l isfel, mistqosi għalfejn kien qed isir hekk u jekk hux biex Justin Degabriele jkun jista' jkompli jagħtih, huwa wieġeb li ma jafx. Li hu ċert però hu li skond Schembri stess Lawrence Degabriele ma kellu x'jaqsam xejn fil-ġlieda u mal-ġrieħi sofferti minnu.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, filwaqt li l-Qorti hija konvinta li l-imputat Justin Degabriele effettivament aggredixxa lil Xylon Schembri, beda jagħtih u kkawżalu ġrieħi, daqstant ieħor hija konvinta li l-imputat Lawrence Degabriele bl-ebda mod ma sawwat, jew għen lill-ibnu Justin Degabriele jsawwat, lil Schembri u per konsegwenza ma kkawża l-ebda ġrieħi lill-istess Schembri. Huwa evidenti għalhekk li l-Qorti ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat Lawrence Degabriele ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Stabbilit li l-imputat Justin Degabriele aggredixxa lil Xylon Schembri, beda jagħtih u kkawżalu ġrieħi, jeħtieġ issa jiġi stabbilit x'tip ta' ġrieħi effettivament ikkawżalu.

It-Tabib Dr. Glen Micallef ikklassifika l-ġrieħi riskontrati fuq Xylon Schembri bħala ġrieħi ta' natura gravi u dana minħabba l-fatt li l-laċerazzjoni fuq l-*eyebrow* tax-xellug, li kellha tiġi suturata, setgħet tħalli marka li tibqa' tidher. Da parte tiegħu l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri kkonstata u kkonkluda li ċ-ċikkatriċi li Xylon Schembri għandu fuq is-*supraorbital region* tax-xellug *tidher from within talking distance iżda m'hiex daqshekk konspikwa.*

Kif diversi drabi osservat mill-Qrati nostrali *l-kwistjoni jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimesa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad - il-maġistrat - u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss*

*ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża*[43].

It-tipi ta' offiżi ġew eżaminati fid-dettal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Salvinu Vella**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Settembru 2019, fejn ingħad illi *l-artikolu 216(1)(b) jitkellem fuq mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż. It-test Ingliż juża l-kelma "hands" … Tajjeb issir referenza għal dak li jinsenja l-Professur Mamo fin-Notes on Criminal Law - Revised Edition 1954-1955 pp 228 meta jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u jgħid: "Any external injury which detracts from the appearance of the face, or of the neck or of either of the hands - the most conspicuous parts of the human body…". Meta offiża ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, l-għonq jew waħda mill-idejn, dik l-offiża tkun waħda gravi ex artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali anke jekk dak l-isfreġju jdum għal ftit ħin. Jekk jipperdura, fejn allura jkun jeħtieġ eżami viżwali minn distanza mhux raġjonevoli, dak l-isfreġju jitqies sfreġju gravi fit-termini ta' l-Artikolu 218(1)(b).*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 1996, ġie osservat illi *b'mankament … fil-wiċċ, il-liġi qed tirreferi għal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioè peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa o per l'espressione d'assieme del volto" (Manzini, V. Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p.235). Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin". (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim. 15/2/58, Kollezz. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248). Għalhekk mhiex korretta l-proposizzjoni li temerġi mill-bran tas-sentenza appena ċitata, li jekk ikun hemm ċikatriċi neċesserjament hemm sfreġju, iżda ma jkunx hemm sfreġju jekk ikun hemm sempliċi skolorament tal-ġilda. Anke skolorament tal-ġilda jista' jipproduċi kemm sfreġju kif ukoll mankament fil-wiċċ fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-ħsara; mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li tħalli fuq il-wiċċ.*

F' sentenza oħra pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Caruana**, deċiża fis-27 ta' Ottubru 2016, l-imsemmija Qorti osservat illi *Dr. Scerri kien eżamina lill-kwerelant dakinhar ta' l-inċident u fid-deposizzjoni tiegħu sentejn wara, dik tat-12 t'April 2012, Dr. Scerri jgħid hekk: "Naf li din iċ-ċikattriċi għadha preżenti però mhux daqshekk konspikwa minn talking distance". L-Artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, inter alia skond is-subartikolu (b), iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż. Tajjeb li in rigward issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 2008, Il-Pulizija v. Desmond*

---

[43] Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju 2004.

*Falzon, li ċċitat b'approvazzjoni s-sentenza tagħha Il-Pulizija v. Paul Spagnol tat-12 ta' Settembru 1996 .... Din is-sentenza llustrat ukoll id-differenza bejn mankament u sfreġju fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) billi rritjeniet illi fejn daqqa fil-wiċċ iġġib nefħa wieħed ikun jista' jitkellem dwar mankament anke jekk tali nefħa tgħaddi wara ftit jiem. L-istess prinċipju ser ikun diskuss fil-konsiderazzjonijiet li jsegwu f'din is-sentenza. Għalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux neċessarju li l-offiża tkun tali li "tista'" tħalli mankament jew sfreġju. Dik il-possibilità, ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-eżami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiża tista' ġġib periklu tal-ħajja, ta' debulizza permanenti fis-saħħa, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-moħħ, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-saħħa, il-marda fil-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett "jitqiesu permanenti wkoll jew x'aktarx ikunu hekk". Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill-appellant, huwa biżżejjed li l-offiża kienet fuq l-idejn jew fuq il-wiċċ u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilità jew probabilità ta' permanenza ma jiċċentraw xejn in rigward.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deċiża fit-12 ta' Settembru 1996, ingħad illi *l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ ta' l-offiż. Ma huwiex meħtieġ li dan il-mankament jew sfreġju jkun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' siegħat, ġranet, ġimgħat jew xhur. Jekk imbagħad, l-isfreġju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura ta' l-hekk imsejħa offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). ... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeċiedi jekk offiża ġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno jrid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-effetti li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett, kif già ngħad, għall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu għadhom f'posthom, jammonta għal offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju.*

Meta l-ġrieħi sofferti minn Xylon Schembri, hekk kif riskontrati mit-Tabib Dr. Glen Micallef u mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, u kif jidhru mir-ritratt esebit bħala Dok. "XS" a fol. 49 tal-proċess, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati jirriżulta li l-istess huma ġrieħi ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl ta' dan għalhekk l-imputat Justin Degabriele għandu jinstab ħati ta' din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tagħhom <u>flimkien</u> l-imputati qed jiġu mixlija aktar talli fl-istess lok, data u ħin kisru l-bon ordni u paċi pubblika, b'għajjat u storbju u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din il-kontravvenzjoni partikolari ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Noel Tanti**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2005, fejn ingħad illi: *kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alfred Pisani" ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliża kien jissejjaħ "a breach of the peace". Bħala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. ... U dik il-Qorti żiedet tgħid li:- "Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application". (P.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:- "although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance" (p. 986, para. 41-04).*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Overend**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2012, fejn ingħad illi *l-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace" li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu "Offences Against Public Order" (London, Sweet & Maxwell, 1987( hekk: "... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell ... Walkins L.J. said: " ... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done" (p. 182)".*

Fil-fehma tal-Qorti meta l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, partikolarment il-filmati esebiti mill-Ispettur Jonathan Cassar fuq pendrive markata Dok. "JC", jiġu ikkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi, għandu jirriżulta li l-aġir ta' l-imputat Justin Degabriele effettivament kien jammonta għal ksur tal-bon ordni u paċi pubblika.

Kif ingħad iktar 'l fuq l-argument bejn l-imsemmi imputat u Xylon Schembri u Noella Zammit u l-konsegwenti aggressjoni ta' l-imputat Justin Degabriele lejn Xylon Schembri bdew fil-fond Nru.5, Sqaq Baġġi, Żejtun, u komplew barra dan l-istess imsemmi fond. Il-kommossjoni sħiħa li nqalgħet u noħlqot tidher ċara mill-filmati esebiti u s-sitwazzjoni kkreata bl-aġir ta' l-imputat Justin Degabriele,

partikolarment lejn Xylon Schembri, evidentement kienet qed toħloq tħassib għall-inkolumità fiżika ta' l-aggredit, tant illi l-istess imputat Lawrence Degabriele pprova jifred lill-ibnu u lil Schembri biex il-ġlieda tieqaf u Schembri ma jibqax jaqla' mingħand Justin Degabriele.

Daqskemm il-filmati msemmija juru li l-imputat Justin Degabriele għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, daqstant ieħor juru li l-imputat Lawrence Degabriele ma għandux jinstab ħati ta' tali imputazzjoni. In effetti kif ingħad, Lawrence Degabriele kien qed jipprova jifred lill-ibnu u lil Xylon Schembri biex il-ġlieda u l-aggressjoni jieqfu. Għad illi l-imputat Lawrence Degabriele jidher jżomm lil Schembri, kif già iktar 'l fuq osservat huwa ma kienx qed iżommu biex l-imputat l-ieħor seta' jkompli jagħtih, iżda kien qed iżommu biex jifridhom u biex joħroġ lil Scehmbri mill-fond ħalli l-ġlieda u l-aggressjoni jieqfu.

La kien qed jipprova jifred lill-imputat Justin Degabriele u lil Xylon Schembri u jwaqqaf il-ġlieda ta' bejniethom, ċertament ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika.

Bit-**tielet imputazzjoni dedotta** fil-konfront tagħhom flimkien, l-imputati qed jiġu mixlija talli volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarqu ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Noella Zammit, liema ħsara tammonta għal inqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni l-Qorti, bla eżitazzjoni ta' xejn, tqis li ż-żewġ imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja ta' l-istess in kwantu l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-ħtija tagħhom għal tali reat lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Skond ma xehdet Noella Zammit, b'konsegwenza ta' dan l-inċident hija spiċċat bin-nuċċali, li jiswa €350, imkisser u bil-bieb ta' barra li għandu qisu xaqq ħdejn is-serratura. Fir-rigward tan-nuċċali però, l-istess Noella Zammit stqarret li kienet Victoria Baldacchino li kissritulha. Fl-ebda ħin ma qalet li l-imputati jew min minnhom kien b'xi mod kissrilha jew għamlilha ħsara fih. Għal dak li jirrigwarda l-bieb, il-Qorti tqis li ma hemmx provi suffiċjenti in bażi għal liema tista' tasal għall-konklużjoni li l-bieb ta' barra fih ħsara u wisq inqas li fih ħsara li tammonta għal iktar minn €250 iżda inqas minn €2,500. Noella Zammit esebiet ritratt li tgħid li juri x-xaqq ħdejn is-serratura tal-bieb iżda fl-istess ħin stqarret ukoll li l-bieb għadu jagħlaq u baqgħet ma sewwitux. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, jiġi ribadit, il-Qorti ma tistax tikkonkludi lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-bieb effettivament għandu il-ħsara u, jekk hemm tali ħsara, l-entità ta' l-istess.

Fid-dawl ta' dan għalhekk il-Qorti ttenni li ż-żewġ imputati ma jistgħux u ma għandhomx jinstabu ħatja tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tagħhom.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele <u>waħdu</u>:**

Bl-**ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>**[44], l-imputat Justin Degabriele qed jiġi mixli talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Xylon Schembri, liema ħsara tammonta għal inqas minn mitejn u ħamsin Euro (€250) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fix-xhieda tiegħu Xylon Schembri ddikjara li fil-kors tal-ġlieda ma' l-imputat Justin Degabriele u ta' l-aggressjoni ta' l-istess Degabriele fil-konfront tiegħu, inkisirlu l-mobile li għandu valur ta' €40.

Il-Qorti, kif già iktar 'l fuq osservat, tqis li l-imputat Justin Degabriele kien unikament responsabbli għall-aggressjoni fil-konfront ta' Xylon Schembri u la l-mobile in kwistjoni inkiser fil-kors ta' tali aggressjoni - fatt dan li l-Qorti ma ssibx raġuni għalfejn ma għandhiex temmen lil Schembri fir-rigward - tqis li l-imputat Justin Degabriele għandu jiġi tenut responsabbli għall-istess u b'hekk jirrispondi għal għemilu.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat Justin Degabriele għandu jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, li tiġi r-raba' imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

Bit-**tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>**[45], l-imputat Justin Degabriele qed jiġi mixli u aktar talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna biża lil Noella Zammit li se tintuża vjolenza kontrija jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), kien ħati b'reat jekk kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu ser tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikoli 222(1) u 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni partikolari però, il-Qorti jeħtieġ tieħu konsiderazzjoni tat-talba magħmula minn Noella Zammit waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024 sabiex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele jitwaqqfu. Naturalment din it-talba ta' Noella Zammit tapplika biss għal dawk ir-reati li jirrigwardaw lilha u mhux ukoll lir-reati li jirrigwardaw lil Xylon Schembri.

---

[44] Din tiġi r-raba' imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

[45] Din tiġi l-ħames imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

It-talba ta' Noella Zammit sabiex il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat jitwaqqfu hija bbażata fuq l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: … (e) fil-każ ta' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika. Iżda għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "vjolenza domestika" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika: Iżda wkoll għandu jkun legali li, wara li jkunu nbdew proċeduri fil-qorti bis-saħħa ta' dan l-artikolu għal reat imsemmi f'dan il-paragrafu, vittma allegata ta' reat li jinvolvi vjolenza domestika tista' titlob lill-Qorti li twaqqaf il-proċeduri kontra l-awtur allegat u meta ssir talba bħal dik il-qorti tista' tiddeċiedi u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew, filwaqt li tingħata konsiderazzjoni partikolari għall-aħjar interessi tal-kwerelant, tal-minuri involuti, u xi terzi relevanti, u għandha tordna li dik it-talba u deċiżjoni jiġu reġistrati fl-inkartamenti tal-każ.*

Ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"vjolenza domestika" tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*

Dejjem ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta *"familja jew unità domestika" tinkludi: (a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti attwali jew passati; (b) persuni li jgħixu fl-istess dar ma' l-awtur tar-reat jew li kienu jgħixu miegħu fi żmien tliet snin qabel l-okkorrenza tar-reat; (ċ) persuni li ż-żwieġ tagħhom ġie xolt jew dikjarat null; (d) axxendent jew dixxendent; (e) adulti oħrajn li jgħixu fl-istess dar; (f) persuni f'relazzjoni informali, li huma jew li kienu qegħdin jiffrekwentaw lil xulxin; (g) persuni li huma jew kienu formalment jew informalment għarajjes lil xulxin bil-għan li jidħlu fi żwieġ jew unjoni ċivili; (h) persuni li huma relatati ma' xulxin mid-demm jew miż-żwieġ sat-tielet grad inklużivament; (i) persuni li għandhom jew kellhom wild in komuni.*

Meta din it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele waħdu u l-fatti tal-każ konċernanti l-istess, minn liema rriżulta fost affarijiet oħra li sa' ftit xhur qabel id-data ta' l-inċident l-imputat Justin Degabriele u Noella Zammit kienu f'relazzjoni flimkien, kien jgħixu flimkien u għandhom wild komuni bejniethom, jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta immedjament evidenti li dan ir-reat partikolari a dannu ta' Noella Zammit huwa reat li jinvolvi vjolenza domestika ai termini tal-Liġi.

Għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni u konsegwenti applikazzjoni ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Norman Cascun, Appell Nru. 233/19**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Diċembru 2019, fejn ġie osservat illi: *l-Artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi sitwazzjoni fejn il-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni kriminali mibdija ex officio, (a prescindere mill-fatt jekk ir-reat li jinvolvi vjolenza*

*domestika jkunx wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża jew le - stante li l-Liġi hija siekta fuq dan) tista' tiġi mitmuma fuq deċiżjoni tal-vittma. Hawnhekk il-leġislatur ried li jintroduċi kwalifika għar-regola li azzjoni kriminali istitwita ex officio tibqa' miexja indipendentement mir-reċess jew remissjoni tal-parti privata sabiex fil-każijiet ta' vjolenza domestika jissalvagwardja l-interessi supremi tar-relazzjonijiet familjari (forsi biex jipprova jsalva dak li hu salvabbli u ma jkunx hemm attrit jew peġġjorament tar-relazzjonijiet interpersonali bejn membri tal-familja li fl-aħħar mill-aħħar ikunu jridu jibqgħu jgħixu flimkien taħt l-istess saqaf jew iżommu l-kuntest domestiku ta' bejniethom). Hawnhekk allura l-Liġi trid li tipprevali il-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż. Iżda l-Qorti hija akkordata, per via eccezionale, u fil-każijiet appositi, id-diskrezzjoni li tmur kontra din ix-xewqa tal-vittma u tordna li l-proċeduri kontra l-awtur allegat jitkomplew. Fil-fehma tal-Qorti però l-enfasi tal-Liġi f'dan il-proviso qiegħed fuq l-għażla tal-vittma aktar milli fuq id-diskrezzjoni tal-Qorti.*

Għalkemm dan ir-reat partikolari li bih qed jiġi mixli l-imputat Justin Degabriele bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu, ma għandux jiġi kkunsidrat b'mod leġġer, mix-xhieda ta' Noella Zammit mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024[46], jirriżulta li hi u l-imputat Justin Degabriele reġgħu qabdu r-relazzjoni ta' bejniethom u reġgħu qed jgħixu flimkien. Noella Zammit stqarret illi *r-relazzjoni tiegħi ma' Justin tinsab tajba ħafna. … Inbidel ħafna Justin, m'għadux il-persuna li kien qabel. … Ilna sentejn, naħseb sa nagħlqu tlieta erġajna minn dakinhar li seħħ. Ilna ħafna, imnalla kienu huma li sibt lilhom fil-verità. Sibthom ta' għajnuna kbira wkoll.* Hawn għalhekk, kif ingħad fis-sentenza appena ċitata għandha *tipprevali l-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż,* iktar u iktar meta Noella Zammit u l-imputat Justin Degabriele għandhom wild minuri bejniethom.

Fid-dawl ta' dan għalhekk, il-Qorti tqis li t-talba ta' Noella Zammit avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jistħoqq li tiġi milqugħa u b'hekk għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele waħdu, li tiġi l-ħames imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

Bit-**tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>**[47], l-imputat Justin Degabriele qed jiġi mixli u aktar talli daħal f'dar jew lok ieħor f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-Artikoli 264, 265, 266, li miċ-ċirkostanzi jidher li il-ħsieb tiegħu kien li jagħmel ħsara lill-proprjetà jew xi reat kontra l-persuna ta' Xylon Schembri u/jew persuna/i oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 330(a) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikoli 264, 265, 266 u 330 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[46] Fol. 285 sa' 288 tal-proċess.

[47] Din tiġi sitt imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-Artikolu 330 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li: *Fil-każ ta' dħul f'dar jew lok ieħor jew f'reċint b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 264, 265 u 266, għalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' att li jikkostitwixxi attentat ta' reat ieħor, l-akkużat, għall-fatt biss tad-dħul hawn fuq imsemmi, jeħel, meta jinsab ħati - (a) jekk miċ-ċirkostanzi jkun jidher li l-ħsieb tal-ħati kien li jagħmel serq jew ħsara lil proprjetà jew xi reat kontra l-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d), inkella jekk jiġi ppruvat li hu kien ġa ġie kkundannat għal xi reat minn dawn jew għal waħda mill-kontravvenzjonijiet imsemmijin fl-artikolu 338(i) u (w), il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa' tmintax-il xahar; (b) f'każijiet oħra, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.*

Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat ai termini ta' l-Artikolu 330**(a)** tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-elementi hemm indikati ma jissussitux f'dan il-każ. L-imputat ma daħaltx fil-fond ta' Noella Zammit bl-iskop li jisraq u lanqas daħal bl-iskop li jagħmel ħsara lill-proprjetà tagħha. Għalkemm x'ħin kien hemm ġew inqalgħet ġlieda u huwa aggredixxa lil Xylon Schembri u kkawżalu ġrieħi ta' natura gravi, xorta waħda ma jissussistix ir-reat ta' kontra l-persuna kif definit fl-Artikolu 5(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti fl-imsemmi provvediment tal-Liġi huwa dispost li *"reat kontra l-persuna" tinkludi r-reati msemmija fl-artikoli 86 sa' 90 u fl-artikoli 198 sa' 205*, reati dawn li assolutament ma jiffigurawx fil-każ in eżami.

Il-Qorti tista' tara jekk tistax issib ħtija fl-imputat Justin Degabriele għar-reat kontemplat fl-Artikolu 330**(b)** tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi huwa orami prinċipju ġuridiku assodat illi *meta … ir-rinviju għall-ġudizzju* - li fil-każ in eżami jindika l-Artikoli 264, 265, 266 u 330 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[48] - *jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti.* ***Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat***[49].

Detto ciò però l-Qorti tqis li fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami hija għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reat previst fl-Artikolu 330(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana in vista tat-talba ta' Noella Zammit ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta avvanzata waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2024.

---

[48] Fol. 213 u 214 tal-proċess.

[49] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001. Enfasi ta' din il-Qorti.

Mix-xhieda mogħtija minn Xylon Schembri u anke minn Noella Zammit jidher ferm ċar li l-iskop li għalih l-imputat Justin Degabriele daħal kif daħal fil-fond ta' Zammit kien primarjament biex jikkonfronta lilha għaliex kienet qiegħda ma' Schembri hemm ġew. Bla dubju ta' xejn huwa daħal hemm ġew b'mod aggressiv u lest għall-ġlied iżda l-kolluttazzjoni diretta ma' Schembri bdiet meta dan ta' l-aħħar qal lill-imputat Justin Degabriele biex lil Noella ma jmisshiex; kien hawn li l-imputat dar għalih u aggredih.

La l-iskop ta' l-imputat kien għalhekk li jikkonfronta lil Noella Zammit u dana b'mod aggressiv, kemm fl-aġir kif ukoll fil-kliem tiegħu lejha, il-Qorti tqis li dan ir-reat kien dirett lejn Noella Zammit u wkoll jikkostitwixxi reat li jinvolvi vjolenza domestika ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap. 581 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ huwa reat li fid-dawl tat-talba ta' Noella Zammit avvanzata ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Lijiet ta' Malta, il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu proprio sabiex *tipprevali l-Grazzja fuq il-Ġustizzja fl-interess suprem tal-ħajja domestika u l-importanza li din għandha fil-kuntest soċjali tal-pajjiż.*

Bir-**raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu <u>waħdu</u>**[50], l-imputat Justin Degabriele qed jiġi mixli talli bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, cioè ta' Noella Zammit u/jew persuni oħra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddispondi li: *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-proprjetà, kull min … (d) bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, jagħmel vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-parafrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u lanqas band' oħra f'dan il-Kodiċi.*

Il-Qorti tibda billi tosserva li t-talba ta' Noella Zammit ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma timpinġi bl-ebda mod fuq din l-imputazzjoni partikolari u dana billi ladarba l-vjolenza domestika trid tkun tali li taqa' taħt it-tifsira ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux kull att jew ommissjoni li jista' jikkostitwixxi reat u li jinvolvi familja jew unità domestika kif imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, jekwivali għal vjolenza domestika kif appuntu mfissra fil-Liġi.

Minn analiżi akkurata tad-definizzjoni ta' vjolenza domestika taħt l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li din tikkonsisti f' kull att jew ommissjoni, inkluż theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, li jinvolvi:

- L-uzu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikolġika jew ekonomika;
- Li jirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u/jew morali, sfurzar jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà.

---

[50] Din tiġi s-seba' imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

Minn din id-definizzjoni, sitwazzjoni ta' vjolazzjoni kontra l-proprjetà, anke jekk f'kuntest ta' familja jew unità domestika, mhux neċessarjament tikkostitwixxi reat li jinvolvi vjolenza domestika ai termini tal-Liġi u għalhekk mhux neċessarjament jikkostitwixxi reat li jaqa' taħt dak dispost fil-proviso ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-konsegwenza għalhekk li l-parti leża ma tistax, f'tali sitwazzjoni u konsegwenti akkuża ta' reat ta' vjolazzjoni kontra l-proprjetà, titlob u tippretendi li l-proċedura in kwistjoni titwaqqaf fil-konfront tal-parti imputata.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti, ossia dwar liema sitwazzjonijiet jikkostitwixxu vjolenza domestika ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, issib konferma fit-test Ingliż ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi li, fil-fehma tal-Qorti, huwa kemm xejn iktar ċar mit-test Malti - *"domestic violence" means all acts or omissions including verbal, physical, sexual, psychological or economic violence* ***causing physical and, or moral harm or suffering****, including threats of such acts or omissions, coercion, or arbitrary deprivation of liberty, that occur within the family or domestic unit, whether or not the perpetrator shares or has shared the same residence with the victim, and shall include children who are witnesses of violence within the family or domestic unit.*

Detto ciò però l-Qorti xorta waħda tqis li l-imputat Justin Degabriele ma għandux u ma jistax jinstab ħati tar-reat dedott fil-konfront tiegħu b'din l-imputazzjoni partikolari.

Kif jirriżulta ferm ċar mid-diċitura ta' l-Artikolu 340(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ir-reat partikolari jittratta dwar *vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta' ħaddieħor, mhux imsemmija fil-parafrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu, u* ***lanqas band' oħra f'dan il-Kodiċi***[51]. Fil-każ in eżami u skond il-provi prodotti, il-vjolazzjoni fil-proprjetà ta' Noella Zammit tista' titqies bħala waħda minn żewġ tipi: jew dik ta' dħul b'abbuż trattata fl-Artikolu 330 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u già trattata f'dawn il-proċeduri, u/jew dik ta' ħsara volontarja trattata fl-Artikolu 325 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll già trattata f'dawn il-proċeduri.

La l-vjolazzjoni kontra l-proprjetà ta' Noella Zammit li biha jista' jiġi rinfaċċjat - u fil-fatt ġie rinfaċċjat - l-imputat Justin Degabriele hija trattata fi bnadi oħra tal-Kodiċi Kriminali, għandu jsegwi li l-imsemmi imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni partikolari dedotta fil-konfront tiegħu.

Bil-**ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu waħdu**[52], l-imputat Justin Degabriele qed jiġi mixli talli rrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan bi ksur ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu l-Avukat Ġenerali ċċita l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[51] Enfasi tal-Qorti.

[52] Din tiġi t-tmien imputazzjoni mill-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'setnenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor*, u l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *meta persuna kkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel peina akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor*.

In sostenn ta' l-addebitu tar-reċidiva l-Prosekuzzjoni, tramite l-Assistent Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali, Stephania Calafato Testa, ippreżentat tlett sentenzi: Il-Pulizija v. Justin Degabriele et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Ottubru 2020; Il-Pulizija v. Simone Festari, Valentino Festari u Justin Degabriele, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Jannar 2018; u Il-Pulizija v. Omar Djelassi u Justin Degabriele, deċiża minn din il-Qorti diversament presejduta fl-14 ta' Jannar 2020 - Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 111 sa' 119 tal-proċess.

Mill-konnotati ta' l-imputat Justin Degabriele f'dawk il-proċeduri jirriżulta ċar li s-sentenzi appena msemmija lkoll ingħataw fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele f'dawn il-proċeduri. Bl-imsemmija sentenzi l-imputat Justin Degabriele instab ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu f'kull waħda minn dawk il-proċeduri u ġie ssentenzjat bil-mod segwenti:

- Il-Pulizija v. Justin Degabriele et, deċiża fl-4 ta' Ottubru 2020 - Dok. "A" a fol. 111 sa' 113 tal-proċess - *il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet qed issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u għalhekk qed toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Justin Degabriele u Omar Djelassi għall-protezzjoni ta' Joan Genovese, Jessica Zammit u l-familja tagħhom;*

- Il-Pulizija v. Simone Festari, Valentino Festari u Justin Degabriele, deċiża fit-23 ta' Jannar 2018 - Dok. "B" a fol. 112 sa' 116 tal-proċess - *il-Qorti wara li rat l-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 u fuq ammissjoni mtennija tagħhom stess m'għandhiex alternattiva għajr li ssibhom ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberahom billi ma jagħmlux reat ieħor punibbli għall-priġunerija fi żmien sitt (6) xhue mil-llum kif ukoll biex tipprovdi għas-samma ta' l-ordni pubblika torbot lill-imputati taħt l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għal żmien sena mil-llum u dana taħt penali ta' elf ewro (€1,000);*

- Il-Pulizija v. Omar Djelassi u Justin Degabriele, deċiża fl-14 ta' Jannar 2020 - Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 111 sa' 119 tal-proċess - *fil-konfront ta' Justin Degabriele - il-Qorti rat l-imputazzjoni, l-atti u d-dokumenti eżebiti u wara li analizzat il-provi u semgħet lill-partijiet issib lill-imputat ħati tal-fatti imsemmija fl-imputazzjoni u wara li rat l-Artikoli 339e, 338dd, 251B tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien (6 xhur) skond l-Art. 22(1) tal-Kap.446. Il-Qorti fisret is-sentenza lil ħati skond l-Art. 22(3) tal-Kap.446 tal-*

*Liġijiet ta' Malta u l-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u sabiex tipprovdi għaż-żamma tal-ordni pubbliku torbot lill-ħati għall-perijodu ta' sena mil-llum taħt penali ta' €1,000.*

Mix-xhieda ta' l-Assistent Reġistrat Qrati Kriminali u Tribunali, Stephania Calafato Testa, jirriżulta li dawn is-sentenzi ma ġewx appellati. B'hekk illum jikkostitwixxu *res judicata* fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele.

Minn konsiderazzjoni ta' l-imsemmija sentenzi jirriżulta li l-Qorti tista' u għandha tikkonsidra lill-imputat Justin Degabriele bħala reċediv biss taħt l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll taħt l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana billi bis-sentenza Il-Pulizija v. Justin Degabriele et, deċiża fl-4 ta' Ottubru 2020, ma ġietx erogata piena *per se* fuq l-imsemmi imputat u biż-żewġ sentenzi l-oħra, ossia Il-Pulizija v. Simone Festari, Valentino Festari u Justin Degabriele, deċiża fit-23 ta' Jannar 2018 u Il-Pulizija v. Omar Djelassi u Justin Degabriele, deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, l-imputat ingħata *conditional discharge* fejn allura japplika dak dispost fl-Artikolu 25 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena fir-rigward ta' l-imputat Justin Degabriele, il-Qorti qieset is-serjetà tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati b'dawn il-proċeduri iżda fl-istess ħin qieset ukoll dak rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probation Sarah Bezzina fis-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-imsemmi imputat, u cioè li m*ill-informazzjoni miġbura għal dan ir-rapport jirriżulta li Justin Degabriele jgawdi minn sapport kbir minn dawk ta' madwaru speċjalment mill-ġenituri tiegħu, kif ukoll qiegħed jgħix ħajja ta' bżulija. Madanakollu jkun ta' benefiċċju li l-imputat jingħata għajnuna sabiex jikkontrolla r-rabja sabiex jkun evitati episodji oħra bħal każ odjern.* In oltre qieset illi t-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Justin Degabriele huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti:

1. Ma ssibx lill-imputat **Lawrence Degabriele** ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom;
2. Ai termini ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta, tilqa' t-talba ta' Noella Zammit sabiex jitwaqqfu l-proċeduri fil-konfront ta' l-**imputat Justin Degabriele** limitatament però għall-ħames u sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-imsemmija żewġ imputazzjonijiet hekk dedotti fil-konfront ta' l-imputat **Justin Degabriele**;
3. Ma ssibx lill-imputat **Justin Degabriele** ħati tat-tielet u tas-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom;
4. Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 214, 215, 216(1)(b), 325(1)(ċ) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Justin Degabriele** ħati ta'

l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, b'mod partikolari l-fatt li l-imputat għandu sapport kbir minn dawk ta' madwaru speċjalment mill-ġenituri tiegħu, kif ukoll qiegħed jgħix ħajja ta' bżulija, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sena (1) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' tlett snin (3) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Justin Degabriele bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat Justin Degabriele taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat Justin Degabriele jħallas lil Xylon Schembri s-somma ta' erbgħin Euro (€40) rappreżentanti l-valur tal-mobile li nkiser fil-kors ta' l-aggressjoni minnu subita mill-imsemmi imputat. Il-ħlas irid isir fi żmien massimu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 28H(8) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat Justin Degabriele bi kliem ċar ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 28H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva appena imposta fuqu b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Xylon Schembri, qed torbot lill-imputat Justin Degabriele b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-

konfront ta' l-imsemmi imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha. Il-Qorti qed tavża lill-imputat Justin Degabriele li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat Justin Degabriele jħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-segwenti ammonti:

- Is-somma ta' mitejn tnejn u tmenin Euro u ħamsin ċenteżmu (€282.50) rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[53];
- Is-somma ta' elfejn u tnejn u għoxrin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€2,022.71) rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Espert Tekniku John Sacco[54].

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[53] Fol. 90 tal-proċess.

[54] Fol. 131 tal-proċess.